MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 374/2006

**Lewis J Grech & Co Limited (C8062)**

**vs**

**Salvino Camilleri (ID716446M) u Giovanna Camilleri (ID258046M)**
**u b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tas-socjeta' Silcam Trading Agency Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf erba' mija tmienja u disghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi (LM 1,498.54) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici skond 'statement' anness mat-talba.

Bl-Ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuti illi in linea peliminari l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kuntraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici trid tipprova l-kreditu taghha.

Illi l-eccipjenti m’ghandhomx ibatu l-ebda spejjez.

Salve ecccezzjonijiet ulterjuri.

Illi b’Nota tas-socjeta’ attrici pprezentata fit-18 ta’ Ottubru, 2006 it-talba giet ridotta ghal  elf tlett mija tmienja u disghin Liri Maltin u  erbgha u hamsin centezmi (LM1,398.54) stante pagament ammont fil-mori tal-kawza.

Illi b’Nota tas-socjeta’ attrici pprezentata fis-27 ta’ Novembru, 2006 it-talba giet ridotta ghal elf  mija u tmienja u disghin Liri Maltin u  erbgha u hamsin centezmi (LM1,198.54) stante pagament ammont fil-mori tal-kawza.

Illi b’Nota tas-socjeta’ attrici pprezentata fid-19 ta’ April, 2007 it-talba giet ridotta ghal elf  seba’ u hamsin Liri Maltin u  tleita u disghin  centezmi  (LM1,057.93) stante pagament ammont fil-mori tal-kawza.

Illi b’Nota tas-socjeta’ attrici pprezentata fid-19 ta’ April, 2007 it-talba giet ceduta fil-konfront ta’ Salvino Camilleri u Giovanna Camilleri izda s-socjeta’ attrici zzomm ferm it-talba taghha fil-konfront ta’ Silcam Trading Agency Limited.

Ra li s-socjeta’ konvenuta kjamat in kawza  baqghet ma pprezentatx  Risposta ghalkemm debitament notifikata izda kienet rapprezentata mid-difensur taghha li verbalizza qbil ta’ ftehim fl-Atti tal-kawza.

Ra li s-socjeta’ attrici u l-konvenuti, kif ukoll s-socjeta’ konvenuta kjamat in kawza Silcam Trading Agency

Limited rapprezentati mid-difensuri taghhom iddikjaraw u qabblu illi s-socjeta' attrici ha ccedi l-kawza fil-konfront ta' Salvina u Giovanni Camilleri izda ha zzomm ferm fil-konfront ta' Silcam Trading Agency Ltd stante li s-socjeta' attrici tithallas l-ammont kif ridott u cioe' elf sebgha u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM1,057.93,) f'pagamenti ta' mitt Lira Maltin (LM100.00) fl-ahhar ta' kull xahar u li ghalhekk s-socjeta' attrici tobbliga ruhha illi ma tezegwix is-sentenza tramite l-istess socjeta' kjamat in kawza sakemm ma tkunx moruza f'dawn il-pagamenti.

It-Tribunal ra lli kien hemm qbil bejn is-socjeta' konvenuta kjamat in kawza, il-konvenuti konjugi Camilleri u s-socjeta' attrici ghal dan il-ftehim ta' hlas lura u ra lli ftehmu lli s-socjeta' attrici ma tezegwix s-sentenza tramite l-istess socjeta' kjamata in kawza sakemm ma tkunx moruza f'dawn il-pagamenti.

Peress illi il-kawza fil-konfront tal-konevnuti konjugi Camilleri giet ceduta stante ftehim ta' hlas rateali mensili, fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, filwaqt li jikkundanna lis-socjeta' konvenuta kjamat in kawza thallas is-somma ta' elf sebgha u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM1,057.93) lis-socjeta' attrici.

Bl-Ispejjez u l-interessi mid-data tas-sentenza sall-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------